- *mandat t'inibizzjoni kontra Infrastructure Malta*
- *applikabilita` tal-Art. 873(3)*
- *ubi lex voluit, dixit; ubi noluit, tacuit*:
- *specialia generalibus derogant*
- *intenzjoni tal-leġiżlatur tikkonsisti fir-ratio tal-liġi*
- *dritt kawtelat huwa ċirkoskritt mit-talba fil-mandat*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM 30 ta' Diċembru 2019.**

**Mandat Nru. 1681/19 GM**

**Din l-Art Ħelwa VO008, Bicycle Advocacy Group VO 0859; flimkien għal Ambjent Aħjar VO101; Friends of the Earth Malta, VO091 Ramblers' Association of Malta VO0024; Green House VO 0296; Moviment Graffiti VO 0126; Malta Youth in Agriculture Foundation VO 0823; Ralph Cassar KI246975M, Edward Mallia KI776939, Cristino Antonio Scerri KI487061M; John Camilleri KI429460M**

**vs**

**Schembri Concrete Blocks Limited C14123**

**SB Properties Ltd C31148**

**Schembri Barbros Ltd C9577**

**Infrastructure Malta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tat-3 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ir-rikorrenti esponew:

> Illi l-individwi u għaqdiet rikorrenti huma kollha persuni interessati ai fini tal-liġi u appellanti minn deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar li approvat l-applikazzjoni għall-iżvilupp bin-numru PA 9890/17 għall-proposta *"proposed junction upgrading and road widening to existing roads and construction of new schemed roads" f'diversi toroq inkluż u adjaċenti għal Triq l-Imdina, Triq iż-Zagħfran, Triq Tumas Chetcuti, Triq Ferdinandu Inglott, Triq Ħaż-Żebbuġ Triq In-Nutar Zarb, Triq il-Belt Valletta, Triq Oliver Agius, Vjal ir-Royal Malta Artillery, Triq l-Intornjatur, Qrib Sant'Anton, Vjal De Paule Attard, Malta".*
>
> Illi r-rikorrenti ntavolaw appell minn din id-deċiżjoni tal-Bord lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien ċahad l-appell tagħhom bin-numru PAB 306/19MS tar-rikrorenti fis-7 ta' Novembru 2019.

Illi r-rikorrenti ppreżentaw appell minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar lill-Qorti tal-Appell (Rikors Numru 44/2019) ġie appuntat għas-smiegħ fil-15 ta' Jannar 2020.

Illi r-rikorrenti huma nfurmati li ser jibdew ix-xogħlijiet awtorizzati mid- deċiżjonijiet surreferiti. Illi saru jafu b' dan ix-xogħlijiet imminenti peress li ċertu Joseph (mob 79404413) li identifika ruħhu bħala wieħed mill-kuntratturi mill-grupp ta' Barbros li ħa jwettaq ix-xogħlijiet ċempel lill-bdiewa li jaħdmu r- raba, fosthom ir-rikorrent John Camilleri u l-ġar tiegħu Victor Tonna u infurmahom li x-xogħlijiet fuq il-proġett tac-Central Link kienu ħa jibdew din il-ġimgħa stess. Iktar tard uħud mir-rikorrenti l-oħra ingħataw l-istess aħbar.

Illi r-rikorrent John Camilleri jipposjedi raba li hi indikata għal parti mill- proġett tas-Central Link. Illi din ir-raba ilha tinħadem minn familtu għal madwar 150 sena u jitkabbru diversi uċuħ fuqha. Illi din il-medda ta' art jiġifieri, f'Triq Oliver Aguis, Ferdinandu Inglott u parti minn Triq il-Belt Valletta, jaħdmuha tal-inqas 10 familji, b' xi 20 ruħ involuti. Jekk iseħħ il- proġett kif approvat dan ser jaffettwa lil xi 42 bidwi. Illi l-art in kwistjoni hija raba saqwi, fond u tajjeb. Il-parti li

titħaddem mir-rikorrent John Camilleri u familtu hija bi qbiela tal-gvern, u b'parti oħra ta' Triq tal-Belt Valletta bi qbiela għand xi sinjur antik Ħal-Lija. Illi l-bdiewa ma ingħataw ebda avviż ta' żgurmar jew li ħa tintemm il-qbiela tagħhom.

Illi fuq l-istess art hemm serer kbar kif ukoll siġar maturi. Dawn kollha ħa jinqerdu ġjaladarba jibdew ix-xogħlijiet jibdew. Illi l-eskavazzjoni u asfaltar ta' din ir-raba li tinsab barra miż-żona ta' żvillup hija rrimedjabbli u tledi fuq il- jedd ta' tgawdija ta' propjeta kif sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni tal- appelant John Camilleri f'mod speċifiku u dirett.

Illi l-agenzija intimata Infrastructure Malta qed tallega li l-proġett tas-Central Link huwa ibbażat fuq il- Pjan Strateġiku Nazzjonali Għat– Trasport 2025 u l- iStrateġija Nazzjonali għat- Trasport 2050 u li hemm xi data mandatorja sabiex jitwettaq tali proġett. Illi dan assolutament mhux minnu għax parti estensiva mill-proġett mhix inkluża fl- istess Pjan Strateġiku u/jew Strateġija Nazzjonali jew il-Pjan Lokali jew it-TEN-T network. Illi fil-fatt il-proġett ħa jkun inkursjoni estensiva fuq art klassifikata bħala ODZ u rurali u skartar tal-policies kollha msemmijin fir-rikors tal-appell tar-rikorrenti. Illi jekk ma jkunx hemm is- sospensjoni tax-xogħlijiet ħa jkun hemm preġudizzju irrimedjabbli għar- rikorrenti fejn ħa tittieħed medda ta' art konsiderevoli għal-

proġett insostennibli u a bażi ta' dikjarazzjoni inveritiera li hemm xi data mandatorja għax-xogħlijiet indikati.

Illi fir-rikors tal-appell, ir-rikorrenti ressqu aggravji li jirrigwardaw ukoll il- lezjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq mit-Tribunal li ċaħħadhom mid-dritt li jeżaminaw xhieda indikati. Illi jekk l- permess għal-esekuzzjoni tax-xogħlijiet indikati fil-permess numru PA 9890/17 ma jiġux sospiżi, id-drittijiet tar- rikorrenti ser jiġu kalpestati u ser ikunu preġudikati f'mod sproporzjonat u irrimrdjabbli u dana għax ix-xogħlijiet ħa jsiru mingħajr il-possibilta li jressqu l- każ tagħhom f'forum adattat skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, ir- rikorrenti kienu mċaħħdin mid-dritt li jressqu xhieda u saħansitra milli jeżaminaw jew jagħmlu kontro-eżami tal-"permit holder" Infrastructure Malta bi ksur ta' waħda mill-iktar prinċipji fundamentali tal-ġustizzja naturali u amministrazzjoni ġusta.

Illi jekk ma jkunx hemm is-sospenzjoni tax-xogħlijiet, id-dritt t'appell tar- rikorrent ħa jkun effetivament imxejjen u rez eżerċizzju purament akkademiku u mingħajr skop. Illi l-appell jkun inutli jekk ix-xogħlijiet jitwettqu qabel ma r- rikorrenti jingħataw l-opportunita iressqu l-każ tagħhom kif imiss skond il-liġi.

Illi qed jiġi rilevat illi l-Awtorita tat-Trasport kienet imponiet kundizzjoni li jsir "Road Safety Audit" skond l-avviż legali 34 tal-2011,

liema kundizzjoni ġiet inkorporata fil-permess. Illi jirriżulta ampjament mid-dokument tal-Awtorita' tat- Trasport li dan ma sarx in konformita` mal-liġi u standards kwotati. Illi l- Awtorita` tat-Trasport stess osservat numru konsiderevoli ta' irregolartijiet, kawżi ta' periklu u nuqqas ta' sigurta għas-sewwieqa, ċiklisti u nies mexjin bid- disinn adottat mill-Agenzija Infrastructure Malta fl-istess proġett, liema nuqqasijiet ma ġewx indirizati u huma l-bażi ta' aggravju tar-rikorrenti.

Illi Trasport Malta stqarret li Infrastructure Malta ma tat ebda ġustifikazzjoni għad-devjazzjoni minn standards aċċetati fil-qasam. Fost in-nuqqasijiet inkwetanti li sottolineat l-Awtorita Trasport hemm il-fatt li ma sarx Road Safety Audit fi stadju bikri (Stage 1) meta dan hu meħtieġ mill-liġi u meta seta' influwenza d-disinn riżultanti. Inoltre l-Awtorita tat-Trasport indikat diversi istanzi fejn id-disinn adottat jista jkun ta' periklu u kaġun ta' inċidenti.

Illi n-nuqqasijiet tar-"Road Safety Audit" kif suppost huma propju aggravju ieħor imressaq mir-rikorrenti fl-appell tagħhom u jekk ix-xogħlijiet ma jiġux sospiżi u jitwettaq id-disinn kif approvat, dan ser jirriżulta fi preġudizzju irrimedjabbli għar-rikorrenti li kollha jużaw it-triq indikata – u li d-disinn tagħha kważi mpossibli li jinbidel ġaladarba jibdew ix-xogħlijiet. Qed jiġi rilevat li l-istess aġenzija Infrastructure Malta naqset milli tagħmel "road safety audit" kif suppost fi stadju bikri

f'każ ieħor u ċioe fil-proġett tat-twessigħ tat- triq Tal-Balal bir-riżultat li hemm irregolariajiet, periklu u għargħar problematiku.

Illi l-Awtorita` tat-Trasport osservat illi l-proġett kif iddisinjat u approvat ma jinkludix "storm water run off". Illi din il-mankanza ukoll ser toħloq preġudizzju lir-rikorrenti kemm f'termini ta' sigurta` meta jgħaddu mill-akwati, kif ukoll għal dawk li jgħixu u/jew jipposjedu propjeta fid-dintorni bħal John Camilleri u Cristino Scerri b' konsegwenzi diretti fuq il-propjeta` tagħhom.

Illi jekk dawn ix-xogħlijiet jitħallew jibdew ħa jkunu ta' natura irriversibbli u li jikkawzaw preġudizzju irrimedjabbli fuq il-wirt naturali, kulturali u agrikolu tal-appellanti u tal-pajjiż u inoltre ħa jannullaw u jxejnu id-dritt t'appell u jrenduh eżerċizzju purament akkademiku.

Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti u r-rikorrenti kollha.

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tagħhom u tar-rikorrenti, jixtieq iżomm l-intimati milli:

Jagħmel u/jew iwettqu u/jew jawtorizzaw xogħlijiet u/jew intervent ta' kull tip fis-sit suġġett ta' l-applikazzjoni sufferita u ċioe fit-toroq inkluż u adjaċneti għal Triq l-Imdina, Triq iz-Zaghfran, Triq Tumas Chetcuti,

Triq Ferdinandu Inglott, Triq Ħaż-Żebbuġ, Triq in-nutar Zarb, Triq il-Belt Valletta, Triq Oliver Agius, Vjal ir-Royal Malta Artillery, Triq l-Intornjatur, Qrib Sant'Antnin, Vjal De Paule, Attard, Malta sakemm jiġi deċiż l-appell surreferit fl-istadji kollha tiegħu.

Illi l-esponenti se jiġu ppreġudikati jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.

U għalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex lill-intimati milli jkomplu l-ħwejjeġ imsemmija;

Rat li laqgħet ir-rikors proviżorjament;

Rat ir-risposta ta' Infrastructure Malta datata 5 ta' Diċembru 2019 fejn ġie eċċepiet:

Illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa wieħed frivolu vessatorju u nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Illi preliminarjament jiġi sottomess illi l- istess rikorrenti diġa ittentaw mandat identiku għal dak odjern (rikors numru 1627/19 MH) liema rikors ġie irtirat mill-istess rikorrenti qabel is-smigħ tal-istess rikors minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta. Illi llum, fl-opinjoni ta' l-esponent, jiġi sottomess, u dan bir-rispett kollu, illi r-raġuni li għaliha l-istess rikors ġie irtirat hija inspjegabbli.

Ili mingħajr preġudizzju għas- suespost, **fl- ewwel lok it- talbiet tar-rikorrenti huma legalment impronobbli**. It-talba attriċi li tinbixxi xogħolijiet ta' kull tip fit-toroq adjaċenti u inklużi dawk ta' Triq l-Imdina u oħrajn, Attard u dan sakemm jiġi deċiż l-appell surreferit fl-istadji kollha tiegħu. Ir-rikorrenti qed teżerċita' l-jedd ta' l-appell skont l- artikolu 50 tal-kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta u minkejja illi r-rikorrenti qegħda tinvoka dan il-jedd jidher illi l-istess rikorrenti ma tridx ukoll tirrispetta l-istess liġi li tirregola l-eżegwibilita' tal- permessi maħruġa mill-Awtorita' ta' l-ippjanar.

Jingħadilli r-rikorrenti kienu talbu skont il-liġi ta' l-ippjanar sospensjoni tax- xogħolijiet u dan ġie milqugħ mill-bord b' sospensjoni ta' 30 jum u dan skont l- artikolu 313(5)(b) tal-istess kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tribunal ta' reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ċaħad l-appell interpost mill-appellanti quddiemu, u b'hekk ikkonferma l-approvazzjoni tal-permess wara s- sospensjoni liema peress illum huwa permess eżegwibbli skont il-liġi. Il- permess inoltre jikkonċerna proġett nazzjoni u ta' importanza nazzjonali.

Isegwi għalhekk illi l-eżegwibilta' tal-permess hu dettat mill-liġi speċjali, u ċioe mill-kap 551 kif ukoll mill-artikolu 72(3) tal- kap. 552 u jsegwi ukoll illi dak li qed titlob ir-rikorrenti imur kontra d-dettami tal-liġi. Huwa f' dan is-sens illi t- talbiet ta' dan is-sens illi t-talbiet ta'

dan il-mandat huma improponibbli għaliex dak li qed jintalab mir-rikorrenti imur kontra dak li tistipula l-liġi, li del rest hija l-istess liġi li a bażi tagħha l-istess rikorrenti resqu l-appell quddiem it- tribunal, u li a bażi tagħha talbu is- sospensjoni tal-permess. Tmur ukoll kontra l-jedd akkwiżit ope legis mill-Awtorita' risponsiva. Jidher illi issa li utilizzat ir- rimedji provduti fil-liġi ta' l-ippjanar minkejja li fl-istess waqt qegħda tinvokahom għall-appelli, ir-rikorrenti qed tipprova ssib mezz biex iddur mal-liġi u tottjeni rimedju ieħor minkejja li l-liġi tiprovdi xort'oħra.

**Fit-tieni lok ir- rikorrenti ma jfissrux l-interess u l-jedd prima facie li għandhom.**

**Fid-deċiżjoni fl-atti tal-mandat Dr. Chris Zarb vs Anna Aguis (Mandat Nru. 843/15/1)** deċiża fit- 22 ta' Ġunju 2015 ġie ritenut mill-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili illi:

Skond l- ewwel subinċiż tal- Art 873 tal-Kap 12 –

L- iskop tal- Mandat ta' Inbizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob mandat.

Skond it- tieni subniċiż tal-istess artikolu –

Il-Qorti m'għandiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak

il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar- rikorrent, u li dak ir-rikorrent "prima facie" jidher li għandu dawk il- jeddijiet.

Meqjusa flimkien iż-żewġ subinċiżi, jirriżulta li sabiex jista' jinkiseb il-ħruġ tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien dawn ir-rekwiżiti:-

1) il-jedd prima facie tar-rikorrent

2) il-ħtieġa għar-rikorrent li l-ħruġ tal-mandat se jservi għat-tħaris ta' l-jedd; u

3) il-preġudizzju tar-rikorrent.

Tajjeb li jingħad illi dawn ir-rekwiżiti huma kumattivi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk imqar wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Ir-rikorrenti tiddikjara illi tixtieq il-ħruġ ta' dan il-mument merament għal tul taż-żmien rikjest sakemm l-istadji kollha ta' l-appell jiġu mitmuha imkien ma' l-istess rikorrenti ma tiddikjara x'interess għandha li żżomm l-imsemmija xogħolijiet u lanqas il-preġudizzju irrimedjabbli li ser isofru minħabba l-allegat xogħolijiet.

Dan ir-rekwiit huwa wieħed essenzjali ad validitatem għall-ħruġ tal-mandat. Ir-raġuni trid tkun debitament rilevata u rapportata fit-talba għall-ħruġ tal-mandat u mhux wara fit-trattazzjoni ta' l-istess. Ir-

rikorrenti kellhom juru huma in dettal sia l-interess li għandhom ir-rikorrenti sabiex jippromwovu dan il-mandat kif ukoll il-preġudizzju rrimedjabbli li allegatament ser isofru.

Wieħed ma għandux jassumi tali fatti r-rikorrenti kellha obbligu *ad validitatem* illi l-istess informazzjoni tingħata mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom. Dan hu nieqes.

Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza "Grech pro et noe vs Manfre", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar il-jedd prima facie:-

.... huwa rekwizit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependiex mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.

Effettivament il-preġudizzju f'dan l-kaz ser ikun soffert mill-Awtorita' esponenti proprju għaliex id-dewmien fil-proġett ifisser illi t-time-frames ta' proġett nazzjonali ser jiżlittaw, l-ispejjez pubbliċi tal-proġett ser jiżdiedu u finalment il-pubbliku in ġenerali ser isofri aktar dewmien fi proġett daqstant importanti.

**Fit-tielet lok ma hemmx elementi ta' rrimedjabilita.**

Fid-deċizjoni l-atti tal-mandat **Dr Chris Zarb vs Anna Agius Mandat Nru 843/15/1** deċiza fit-22 ta' Ġunju 2015 ġie ritenut mill-prim'Awla

tal-Qorti Ċivili illi:-

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali ta' provediment legali, il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod rrimedjabbli. Fil-provediment tagħha tat-18 ta' Diċembru 2009 fl-atti tar-Rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet "Ohanebo et noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija" din il-Qorti (PA/JRM) ippronunzjat ruħha hekk –

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew il-ħsara lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċizjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

(ara wkoll: il-provediment ta' din il-Qorti PA/AM mogħti fit-2 ta' Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "Borg Grech vs Gasan et noe")

Jirrizulta ampjament illi ir-rikorrenti naqsu milli juru l-irrimedjabilita' tal-preġudizzju allegatament ser isofru. Mkien fit-talbiet dan ma hu indikat. Fil-fatt dan l-element la ġie inikat u wisq anqas jista' jiġi indikat proprju għaliex ma hemmx irrimedjabilita` tal-preġudizzju. Fil-fatt kemm il-darba isiru xi xogħlijiet  dawn ix-xogħlijiet dejjem huma

rimedjabbli. *Del resto* kien inkombenti fuq ir-rikorrenti li jġibu din il-prova ta' l-irrimedjabilita` u mhux bil-kontra.

**Fir-raba' lok l-preġudizzju li ser issofri l-Awtorita' f'dan il-kawza ferm ogħla minn kull preġudizzju li jistgħu jsofru r-rikorrenti.** Jirriżulta illi dan il-proġett huwa wieħed ta' nteress nazzjonali u ta' importanza nazzjonali. Il-proġett huwa meħtieġ sabiex isservi l-interess al-poplu in ġenerali inkluz u partikolarment in-nies ġewwa Ħ'Attard. Iz-zamma ta' dan il-proġett ser ifisser dewmien fuq id-dati ta' tletija ta' proġett infrastrutturali maġġur ta' importanza nazzjonali. It-tapep ta' konkluzjoni inoltre ser ifisser ogħla relatati mat-tlestija tal-proġett.

Fuq kollox dan il-proġett qed isir fl-aħjar interess tal-pubbliu in ġenerali inkluz ir-residenti ta' Ħ'Attard. Meta wiħed iwiezen il-fatt illi din it-talba jekk milqugħa ser tiddilunga t-tlestija tal-proġett infrastrutturali maġġuri, ser iżżid l-ispejjez pubbliċi b'mod esponenzjali kif ukoll ser isofri l-pubbliku in ġenerali meta komparat ma' kull preġudizzju li jistgħu r-rikorrenti isofru (*Dto ma non concesso li hemm)*, wieħed jasal għall-konkluzzjoni illi l-preġudizzju li ser isofri l-awtorita' jisboq kull preġudizzju li jista' jirriklamaw ir-rikorrenti.

Kif ritenut fl-artikolu 873(3) fejn mandat jintalab fuq il-Gvern, il-Qorti tkun trid teżamina min ser jsofri l-ikbar preġudizzju bejn il-partijiet:

***"il-Qorti ma għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern***

***jew awtorita'*** *mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm il-darba -awtorita' jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa tintalab li tiġi mizmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir,* ***u l-Qorti tkun sodisfatta wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija li kemm il-darba ma jinhariġx mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi mizmuma".***

Illi finalment jingħad illi r-rikorrenti jibbazaw it-talba tagħhom a bazi ta' aggravvji li huma ressqu fl-appell tagħhom, liema appell għadu pendenti, u stante dan l-esponenti ser twieġeb għall-istess fl-istess appell. Pero jingħad illi tali aggravji huma identiċi għall-uħud mill-aggravji imressqa mill-istess rikorrenti quddiem it-Tribunal, fejn fuq l-istess aggravji tressqu provi u ġew dibattuti, u a bazi ta' l-istess ingħata id-deċizjoni tat-Tribunal.

Illi in vista tas-suespost, l-intimata titlob li dan il-mandat għandu jiġi miċħud.

Rat ir-risposta ta' Schembri Concrete Blocks Limited, SB Properties Ltd u Schembri Barbros Limited datata 5 ta' Diċembru 2019 li wieġbet hekk:

1. Illi s-soċjetajiet Schembri Concrete Blocks Limited u SB Properties Limited huma għal kollox estranei għal din il-vertenza billi huma ma

wettqu u m'huma ser iwettqu l-ebda xogħol b'rabta mal-proġett mertu tal-permess PA/9890/17. Huwa ċar li r-rikorrenti ma kienux jafu fil-konfront ta' min kellhom jippreżentaw dan il-mandat u sempliċement elenkaw lis-soċjetajiet esponenti bl-addoċċ unikament għax jappartjenu lill-istess azzjonisti aħħara tal-kumpannija Schembri Barbros Limited.

2. Jiġi sottomess bir-rispett li ma kien hemm l-ebda raġuni il-għala l-mandat *de quo* kellu jsir fil-konfront ta' Schembri Concrete Blocks Limited u SB Properties Limited, li m'għandhomx jeħlu spejjeż ta' din il-proċedura.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà Schembri Barbros Limited hija biss kuntrattur ingaġġat minn Infrastructure Malta sabiex twettaq xogħolijiet fil-proġett mertu tal-permess PA/9890/17, iżda sa llum għadha ma ingħatat l-ebda struzzjoni sabiex tibda tesegwixxi xi xogħolijiet. Għalhekk, il-mandat ġie preżentat b'mod intempestiv fil-konfront ta' Schembri Barbros Limited.

4. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti ma wrew l-ebda dritt *prima facie* tutelabbli fil-konfront tal-esponenti.

    4.1 Senjatament l-individwi li qed jallegaw li qed jokkupaw l-artijiet mertu tal-mandat ma ressqu l-ebda prova ta' xi forma ta' titolu. Ma ġie ppreżentat l-ebda kuntratt, l-ebda riċevuta tal-qbiela jew prova

oħra ta' titolu. Wieħed kien jippretendi li almenu r-rikorrenti kienu ser jippreżentaw tali provi flimkien mar-rikors tagħhom. Huma qagħdu lura milli jippreżentaw tali dokumentazzjoni, li wieħed kien jippretendi kellha tkun faċilment reperibbli. Għalhekk dan in-nuqqas evidenti ma jistax jiġi ġustifikat u jwassal għall-assenza totali ta' dritt *prima facie*.

4.2 Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li qed jipprovaw jittutelaw id-drittijiet li jifformaw il-mertu tal-appell minnhom intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mill-approvazzjoni tal-permess PA/9890/17. Iżda s-soċjetajiet esponenti m'humiex partijiet fil-preċitat appell. Għalhekk wieħed diffiċilment jista' jifhem kif il-pendenza tal-eventwali appell, li fih is-soċjetajiet esponenti m'humiex partijiet, tista' qatt tammonta għal dritt *prima facie* vantabbli kontrihom.

4.3 Dana kollu qiegħed jingħad oltre kwalsijasi konsiderazzjoni relattiva għall-fatt li l-permess PA/9890/17 li qed jiġi kontestat mir-rikorrenti ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar u ġie sussegwentement konfermat mit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u Ippjanar.

Jidher li r-rikorrenti intavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni. Tali appell huwa *ex lege* limitat għal punti ta' liġi biss.

Kif ribadit reċentement mill-Onorabbli Qorti tal-Appell f'*Peter Paul Said v. L-Awtorità tal-Ippjanar et*:[1]

*"Din hi Qorti ta' Reviżjoni fuq punti ta' liġi mhux Qorti ta' Prim Istanza li tisma' l-provi jew provi li messhom tressqu f'sede oħra u ma sarux. Mingħajr mal-Qorti tidħol fil-mertu jekk tali prova, faċilment aċċessibbli quddiem it-Tribunal, għandhiex tiġi permessa tiġi preżentata quddiem il-Qorti, ser jitqies l-aspett legali ta' dan l-aggravju."*

Għalhekk l-**allegazzjonijiet** li jissemmew fir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat, bħala ġustifikazzjoni għall-istess, fis-sens li l-proġett jew parti minnu m'humiex inklużi fil-Pjan Strateġiku Nazzjonali għat-Trasport 2025 u l-iStrateġija Nazzjonali għat-Trasport 2020, l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' konformità ta' *road safety audit* huma kollha manifestament kwistjoni ta' fatt li jeżorbitaw mill-parametri tal-Appell. L-istess jgħodd għall-allegat nuqqas ta' *storm water runoff* lamentat mir-rikorrenti. Din hi wkoll pależement kwistjoni ta' fatt li teżorbita mill-parametri tal-appell.

[1] App. Inf. 3/2017/MCH deċ. 24/5/2017.

Jiġi sottomess illi mad-daqqa t'għajn jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda dritt *prima facie* x'jittutelaw. Jikkonsegwi li huwa għal kollox nieqes wieħed miż-żewġ elementi kardinali meħtieġa għall-akkoljiment ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

5. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli ma ġiex sodisfatt in kwantu kwalsijasi xogħolijiet li eventwalment jistgħu isiru, ikunu jistgħu jiġu ripristinati. L-eżitu tal-Appell innifsu ċertament mhux ser jiġi effettwat mill-fatt jekk ikunux saru xogħolijiet jew le. Ċertament il-Qorti tal-Appell mhix ser timpressjona ruħha u ser tiddeċiedi mod flok ieħor għax ikunu laħqu saru xi xogħolijiet, li bħal kwalsijasi xogħolijiet oħra jistgħu, fl-aħħar mill-aħħar, jiġu ripristinati.

   Jiġi għalhekk sottomess bir-rispett illi anki l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli huwa għal kollox nieqes.

Ikkunsidrat:

(1) Illi Edward Mallia u Cristino Antonio Scerri ma ġiebu l-ebda prova tat-titlu tagħhom ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni. Lanqas ġieb John Camilleri, li pproduċa riċevuta ta' qbiela ta' art mhux identifikata;

(2) Illi minkejja li **<u>fil-premessi</u>** issir riferenza għal (i) preġudizzju irrimedjabbli fuq il-wirt naturali, kulturali u agrikolu, (ii) ksur tal-jedd ta' tgawdija ta' proprjeta`

kif sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u (iii) ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq, **<u>it-talba</u>** hija ċirkoskritta u limitata għażżamma tax-xogħlijiet mertu tal-istess rikors "**<u>sakemm jiġi deċiż l-appell surreferit</u>**" (ċjoe`mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar lill-Onorabbli Qorti tal-Appell) "fl-istadji kollha tiegħu". Għalhekk id-dritt kawtelat huwa limitat għal dak li qiegħed jintalab mill-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti ma nfurmawx lill-Qorti x'qegħdin jitolbu quddiem il-Qorti tal-Appell, iżda nfurmawha biss li quddiemha "ressqu aggravji li jirrigwardaw <u>ukoll</u> "il-leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq mit-Tribunal". Fi proċeduri bħal dawn, il-jedd pretiż għandu jidher mal-ewwel daqqa t'għajn mir-rikors innifsu u din il-Qorti m'għandhiex titħalla tirrikorri għal *guesswork.* Għalhekk l-unika informazzjoni li għandha dwar id-dritt li qiegħed jiġi kkawtelat quddiem il-Qorti tal-Appell huwa n-nuqqas ta' smiegħ xieraq. Qajla għandu jiġi ribadit li l-mandat t'inibizzjoni huwa dejjem ċirkoskritt għad-dritt kawtelat. Ir-rikorrenti ma qalux li sejrin jieħdu xi proċeduri oħrajn biex jikkawtelaw id-drittijiet l-oħrajn tagħhom imsemmija fir-rikors imma llimitaw ruħhom għal dak li qegħdin jitolbu fl-appell;

(3) Illi l-appell qiegħed isir taħt il-kappa ta' Kapitlu 551 li hija liġi speċjali. Ben notorja hija l-aforiżma – li tinstab fil-qalba tat-tradizzjoni legali tal-Punent - *lex specialis derogat legi generali,* espressa wkoll fil-plural *specialia generalibus derogant.* Dan huwa wieħed mill-każijiet ta' konflitt bejn il-fonti normattivi. Fost każijiet oħrajn ta' konflitt hemm dak ġerariku – per eżempju normi kostituzzjonali jipprevalu fuq il-liġi ordinarja, u dak kronoloġiku – liġi posterjuri tipprevali fuq

dik ta' qabilha. Liġi li tirregola suġġett speċifiku (*lex specialis*) tissupera liġi li tirregola biss materji ġenerali (*lex generalis*). Regola li żżomm milli jiġu applikati fl-istess nifs liġi speċjali u liġi ġenerali mhux kompatibbli magħha. Meta jippromulga liġi speċjali, il-leġiżlatur jidderoga mil-liġi ġenerali billi joħroġ reġim legali partikolarment addattat għal sitwazzjonijiet li jinħtieġu normi differenti minn dawk ġenerali. Hekk fl-ispeċje, il-leġislatur ħoloq, f'materja ta' permessi edilizji, mhux biss tribunal speċjali biex jisma' u jiddeċiedi fuq il-mertu tal-każ imma saħansitra ukoll proċedura kawtelatorja speċifika, li tixbaħ lil dik tal-mandat t'inibizzjoni kkontemplat fil-kodiċi ta' proċedura ċivili;

(4) Illi fl-interpretazzjoni ta' din il-liġi, trid tiġi segwita l-volonta` tal-leġiżlatur: din ma tikkonsistix fir-rieda soġġettiva ta' dawk li kkonkorrew biex jikkonfezzjonaw in-norma, imma l-volonta` oġġettiva, iġifieri l-iskop li l-liġi tkun trid tilħaq, ir-raġuni l-għala ġiet ippromulgata. Billi l-liġi dejjem tintervjeni sabiex tħares interessi soċjalment rilevanti, ir-raġuni tal-liġi tidentifika ruħha mal-interess speċifiku mħares;

(5) Illi skop tal-Kap 51, elenkat fil-parti preliminari tiegħu, huwa li jistabbilixxi tribunal bil-għan li jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorita` tal-Ippjanar u tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi, biex jipprovdi għall-mod kif għandhom isiru l-proċeduri quddiem it-Tribunal, u biex jipprovdi għal appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal. Artiklu 33 tal-Kap 51 jipprovdi għal istanzi differenti li fihom tista' tintalab u tinkiseb, permezz tal-proċedura ivi dedotta, kemm qabel kif ukoll waqt

is-smiegħ t'appelli quddiem it-Tribunal, is-sospensjoni tal-iżvilupp li jkun qiegħed jiġi attakkat. Sospensjoni li tista' tingħata mit-Tribunal. Skont Art. 39 tal-istess Kap, "id-deċiżjonijiet tat-Tribunal ikunu finali u ma jkun hemm ebda appell minnhom, ħlief fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal jew dwar kull kwistjoni oħra relatata ma' allegat ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq quddiem it-Tribunal". Il-Kap 51 ma jipprovdix għas-sospensjoni tal-iżvilupp pendenti s-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell, ipprovdut permezz tal-Artiklu 50 tal-istess Att. Dwar dan, l-intimati jsostnu li l-liġi ma tipprovdix għal sospensjoni pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell: jargumentaw li *ubi lex voluit, dixit.* Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti jsostnu li ġaladarba l-Kap 551 ma jipprojbix il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni taħt ir-regoli ġenerali tal-proċedura ċivili, allura huwa permess. Għal dan il-kweżit iwieġeb l-imsemmi prinċipju fit-tieni parti tiegħu - l-intimati jsemmu biss l-ewwel parti. Il-prinċipju sħiħ jgħid *ubi lex voluit, dixit; ubi noluit, tacuit*: meta l-liġi trid li ssir xi ħaġa, titkellem; meta ma tridx, iżżomm is-silenzju. M'għandniex nisiltu konklużjonijiet materjali mis-silenzju tal-liġi. Fejn il-liġi riedet tippermetti s-sospensjoni tal-iżvilupp, qalitu. Fejn ma tkellmitx, sinjal li ma riditux; kieku riditu, kienet tipprovdi għalih fl-istadju tas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell. Mhux il-każ għalhekk li fejn il-liġi speċjali ma tgħid xejn, tapplika l-liġi ġenerali għaliex meta l-liġi speċjali ħolqot ir-rimedju tas-sospensjoni entro ċerti limiti, dawk il-limiti jispiċċaw fix-xejn li kieku kellha tiġi applikata l-liġi ġenerali fi sfera ta' attivita` ekonomika irregolata b'reġim legali *ad hoc*;

(6) Illi l-Qorti mhix qiegħdha tistrieh biss fuq barra l-interpretazzjoni loġika kif ipprovduta sa minn żminijiet imbiegħda permezz tal-aforiżma Rumana. Il-Qorti qiegħdha tqis fuq kollox x'kien l-iskop tal-leġiżlatur. L-iskop tal-liġi huwa evidenti: li tipprovdi mezz speċjali għas-sospensjoni tal-permessi edilizji, b'mod li toħloq bilanċ bejn id-dritt ta' min ikun qiegħed joġġezzjona għall-iżvilupp min-naħa l-waħda u d-dritt tal-iżviluppatur min-naħa l-oħra. Filwaqt li tista' ssir sospensjoni tal-iżvilupp, **<u>din issir entro ċerti termini stretti u mhux oltre</u>**, biex b'hekk l-iżvilupp ma jiġix imxekkel iktar minn ċertu punt. Wieħed jista' jaqbel jew jiddissenti minn dan il-bilanċ maħluq bil-liġi, iżda *dura lex, sed lex*. Għalhekk ir-rikorrenti eżawrew ir-rimedji kollha kawtelatorji li l-liġi speċjali tpoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom u ma jistgħux issa jużufruwixxu ruħhom mil-liġi ġenerali, li f'din il-materja u f'dan l-istadju hija eskluża mil-liġi speċjali. Anzi in forza tal-liġi speċjali, Infrastructure Malta għandha dritt kweżit li tipproċedi bl-iżvilupp; dan id-dritt jiġi leż jekk jitwaqqaf permezz tar-rikors għall-ħruġ ta' dan il-mandat t'inibizzjoni. Ir-rikorrenti possibilment kien ikollhom dritt li kieku kienu sejrin jattakkaw il-liġi nnifisha, liema dritt setgħu possibilment jikkawtelaw; iżda d-dritt li qegħdin jivvantaw ir-rikorrenti huwa d-dritt tal-appell fuq punt ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell li għandha qegħdin jirrikorru skont il-liġi speċjali. Għalhekk iridu joqgħodu għal dik il-liġi kollha kemm hi, u mhux biss għall-parti li jagħżlu huma;

(7) Illi s-soċjetajiet Schembri Concrete Blocks Limited u SB Properties Limited iddikjaraw li m'għandhomx x'jaqsmu xejn mal-proġett. Barra minn hekk, skont kif allegat minnhom u minn Schembri Barbros Limited – mhux kontradetti - ħadd minnhom ma hu parti fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell. Billi d-dritt tutelat pretiż mir-rikorrenti huwa limitat għal din il-proċedura, il-Qorti ma tarax kif dawn it-tlett intimati huma leġittimi kontraditturi fir-rigward;

(8) Illi l-appell huwa appuntat għas-smiegħ fil-15 ta' Jannar iġifieri ġimgħatejn wara d-data ta' dan id-digriet. Hu magħruf li l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tagħti sentenza fi ftit ġimgħat. F'dan iż-żmien qasir sakemm ikun hemm aċċertament jew ċaħda tad-dritt dedott mhuwiex verosimili li sejra tibda l-fażi ta' kostruzzjoni minħabba l-loġistika meħtieġa għall-varar tal-proġett in kwistjoni li huwa wieħed massiċċ. Għalhekk m'hemmx periklu partikolari li d-dritt dedott – hu x'inhu – jiġi eluż; ċjoe` m'hemmx il-*periculum in mora;*

(9) Illi Infrastructure Malta teċċepixxi wkoll l-applikabilita` tal-Art. 873(3) tal-Kap 12 li, f'każ ta' talba "il-Gvern" (sic) jimponi kundizzjoni addizzjonali għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni: dik tal-proporzjonalita` bejn il-preġudizzju għal min jitolbu jekk jiġi miċħud u l-preġudizzju għall-"Gvern" jekk jiġi milqugħ. Il-Qorti għandha dubbju kemm din in-norma hija applikabbli għal Transport Malta, anke jekk hi awtorita` "tal-Gvern". L-artiklu japplika (i) għall-Gvern (ii) awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni u (iii) xi persuna li jkollha kariga pubblika

fil-kariga uffiċċjali tagħha. Transport Malta la hi l-Gvern, u lanqas awtorita` imwaqqfa bil-Kostituzzjoni. Tista' tikkwalifika bħala "persuna" (ġuridika jew statutorja). Imma l-liġi ssemmi "persuna li jkollha kariga pubblika" u dan donnu jindika li l-Qorti qiegħda tirreferi għal persuni fiżiċi biss;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tillibera lil Schembri Concrete Blocks Limited u SB Properties Limited mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) billi ma jirriżultawlhiex li jissussistu l-elementi kollha meħtieġa biex tilqa' r-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu laqgħet proviżorjament it-talba tar-rikorrenti u tiċħad ir-rikors tagħhom ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019 għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-intimati.

Spejjeż a kariku tar-rikorrenti.

Ippronunzjat bil-miftuħ.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA